MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 308/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti izzewgu fl-erbgha ta' Ottubru elf disa' mija u wiehed u disghin (04.10.1991) (Dok A) u minn dan iz-zwieg
twildulhom zewgt ulied, Y u Z li llum ghandhom tnax (12) u disa (9) snin rispettivament (Dok B u C);

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici martu u tal-qraba taghha, inkluz ulied il-partijiet fuq imsemmija, ta' eccessi, minacci, sevizzji u ingurji gravi b'mod li rrenda impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

Illi inoltre l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija impossibli minhabba inkomplatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali ad mensa et thoro, skond digriet numru 1017/2005 mghoti minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-ghoxrin ta' Lulju elfejn u hamsa (20.07.2005) fl-atti ta' l-ittra numru 271/2005GG hawn anness u mmarkat bhala Dok D;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro bejn il-partijiet minhabba eccessi, servizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi B ikkommetta kontra l-attrici martu u l-qraba taghha u/jew minhabba imkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

2. Tafda l-kura u kustodja ta' uliedhom minuri Y u Z f'idejn l-attrici ommhom fl-ahjar interess ta' l-istess minuri;

3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghaliha u ghal uliedhom minuri Y u Z dak il-manteniment li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-minuri u l-mezzi ta' zewgha, liema manteniment ghandu kull meta l-istess konvenut ikun f'impjiega ma' terzi, jithallas direttament lill-attrici mill-employer tal-konvenut minn zmien ghal zmien wara li jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut;

4. Tordna illi l-attrici tinghata d-dritt li tibqa' tghix fid-dar konjugali flimkien ma' uliedha minuri u dan ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha filwaqt illi tigi assenjata lill-attrici l-lokazzjoni ta' l-imsemmi fond.

5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess kommunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn meta data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta' lok li ssir din is-separazzjoni;

6. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-effetti kollha parafernali tal-attrici, inkluz flus, li jinsabu fil-pussess tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ghalkemm notifikat bic-citazzjoni naqas li jippresenta nota tal-eccezjonijiet u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet lill-attrici u lil bin il-kontendenti Y kif ukoll ix-xhieda l-ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba

tortijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenut ma rrispondiex ghac-citazzjoni u lanqas qatt ma ppresenta ruhu l-Qorti biex iressaq provi.

Madankollu l-Qorti xorta thoss li kien bizzejjed tisma' lill-attrici biex tasal ghall-konkluzjoni li t-talbiet taghha ghandhom jintlaqghu. L-attrici sofriet hafna bl-attegjament tal-konvenut u l-Qorti tissimpatizza maghha ghal mod kif giet trattata u kif qed taghmel kull sforz biex lil uliedha trabbihom minghajr nuqqasijiet.

Il-problema li ghandha l-Qorti hija n-nuqqas ta' provi dwar il-qligh tal-konvenut ghaliex ghalkemm l-attrici taf li hu jahdem ma tafx x'paga jew dhul ghandu. Ghalhekk kull ammont pagabbli bhala manteniment necessarjament ikun approssimattiv ghalkemm l-attrici iktar jinteressaha li tigi pronunzjata s-separazzjoni u li ikollha l-lokazzjoni tad-dar matrimonjali f'isimha.

L-attrici esebiet waqt li xehdet fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 2006, prospett dwar l-assi u debiti tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk il-Qorti hija f'posizzjoni li taqsam dawn l-assi.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni;**

**2. taffida l-kura u kustodja tal-minuri Y u Z lill-attrici;**

**3. tordna lill-konvenut ihallas bhala manteniment is-somma ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) fix-xahar ghall-attrici u sittin Lira Maltin (Lm60) fix-xahar ghall minuri *rebus sic standibus*;**

**4. tilqa' r-raba talba, tordna li l-attrici tinghata d-dritt li tghix fid-dar konjugali flimkien mal-minuri imsemmija u dan ad eskluzjoni tal-konvenut u tassenja d-drittijiet lokatizzji fir-rigward lill-attrici;**

**5. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u applikabbli l-provvedimenti ta' l-Artikolu 48 fil-konfront tal-konvenut; tassenja lill-attrici oltre mill-lokazzjoni imsemmija, il-vettura numru XXX 000 u lill-konvenut il-vettura numru YYY 000 u l-i*scooter* numru ZZZ 000 – il-partijiet li lilhom gew assenjati l-vetturi ghandhom jibqghu ihallsu huma l-bilanc relattiv; lill-attrici l-beni kollha mobbli li jinsabu llum fid-dar konjugali.**

**6. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba billi ma hemmx proprjeta' immobbli fil-komunjoni tal-akkwisti;**

**7. tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici s-somma ta' tlett elef u erba' mitt Lira Maltin (Lm3,400) assi parafernali li kellha l-attrici u rrizultaw waqt il-provi;**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut .**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------